MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 289/1997/1

**Joseph Bezzina u Louis Zammit**

**vs**

**Joseph u Roberta konjugi Attard**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Settembru, 2001 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti;

Rat l-avviz fuq indikat datat iz-17 ta' Frar ta' l-1997 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:

1. Illi fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti ihallsu s-somma ta’ mitejn u tmienja u erbghin Liri Maltin u hamsa u disghin centezmu (LM248.95,0), rapprezentanti prezz ta’ xogholijiet ta’ elettriku li saru fuq inkarigu taghhom stess, fil-fond residenza taghhom fil-Mellieha, kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Bl-ispejjes kollha tal-prezenti u dawk ta’ l-ittra interpellatorja tal-14 ta’ Jannar 1997 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata d-29 ta’ Settembru ta’ l-1997 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi t-talba ta’ l-atturi hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt stante l-inkarigu tax-xoghol moghti ma giex espletat;

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, ix-xogholijiet li lahqu u ghamlu ma sarux skond l-arti u s-sengha;

3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespot, l-konvenuti m’ghandhom ihallsu xejn;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-atturi kienu gew ingaggati bhala “electricians” mill-konvenuti biex jaghmlu xoghol ta’ elettriku fil-fond residenza ta’ l-istess konvenuti;

2. Illi biex isir dan ix-xoghol l-atturi kellhom jaghddu trinek fil-hitan u jaghddu l-pipijiet u “wires” necessarji;

3. Illi l-atturi kienu wkoll applikaw formalment ghall-permess governattiv relattiv;

4. Illi jidher li sa dan l-istadju l-konvenuti kienu sodisfatti bix-xoghol ta’ l-atturi u halsu nofs l-ammont pattwit bejniethom;

5. Illi jidher ukoll li kien intlahaq xi fethim bejnithom li permezz tieghu l-atturi kellhom jieqfu mix-xoghol u jitterminawh wara li l-konvenuti jlestu miz-zebgha u t-tikhil;

6. Illi wara li kien ghadda hafna zmien l-atturi b’sorpriza ndunaw li fir-residenza tal-konvenuti kien hemm id-dawl;

7. Illi meta l-atturi rrinfaccjaw lill-konvenuti b’dan gew infurmati li x-xoghol ma kienx ghogobhom u kienu qabbdu lil haddiehor biex jittermina dak li kienu bdew huma;

8. Illi ghall-atturi din kienet sajjetta fil-bnazzi stante li jirrizultalhom li x-xoghol dejjem kien gradit mill-konvenuti u fejn dawn kienu jridu xi varjazzjoni jew perfezzjoni dejjem gew sodisfatti;

9. Illi l-atturi jsostnu li kienu ppreparati jitterminaw ix-xoghol kif tenuti u dan m’ghamluhx biss ghaliex kienu sgwidati mill-konvenuti;

10. Illi l-atturi kienu ghalhekk kostretti jintrapprendu din il-procedura biex jithallsu tax-xoghol taghhom gia’ mitmum;

Ikkonsidrat:

Illi din il-qorti hi sodisfatta li l-atturi ma tterminawx ix-xoghol taghhom biss ghaliex gew zgwidati mill-istess atturi;

Illi ghalhekk l-ammont minnhom rikjamat f'din il-procedura hu validament hekk rikjamat u ghaldaqstant filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u tordna lill-konvenuti Joseph u Roberta konjugi Attard biex ihallsu l-ammont ta' mitejn u tmienja u erbghin Lira Maltin u hamsa u disghin centezmu, (LM248.95,0) lill-atturi, bl-ispejjez u l-imghaxijiet dovuti skond il-ligi."

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza bl-aggravji li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u ghalhekk kienet erronea l-konkluzjoni taghha bazata fuq dawn l-istess fatti zbaljati.

L-appellanti jsostnu li kienu l-atturi appellati li abbandunaw ix-xoghol minhabba l-lanjanzi taghhom dwar difetti fl-ezekuzzjoni tal-istess xoghol. Dwar dan jikkonfortaw ruhhom mill-accertamenti u r-rizultanzi tal-espert nominat minnhom.

Huma jaffermaw inoltre illi l-ewwel Qorti ma hadetx in konsiderazzjoni l-kalkolu stabbilit minn dan l-istess espert bhala stima ghax-xoghol li effettivament twettaq, u li f'kull kaz in bazi ghad-dritt, pacifikament akkolt f'skorta ta' decizjonijiet, l-atturi ma kellhomx dritt jirreklamaw il-hlas bilancjali, jew ghallanqas kellha ssir diminuzzjoni tas-somma reklamata, gjaladarba x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha.

Ghal dawk li huma provi dawn jistghu jigi hekk sintetizzati:

1. L-atturi Louis Zammit (fol 29) u Joseph Bezzina (fol 32) jghidu li huma lestew l-ewwel fazi tax-xoghol lilhom kommissjonat, hargu kont u sarilhom il-hlas ta' nofs is-somma dovuta. Kienu baqghu mal-konvenut illi meta l-kuntratturi l-ohra jlestulu x-xoghol tal-madum, tikhil u

zebgha huma jghaddu biex jikkompletaw ix-xoghol rimanenti: twahhil ta' switches, plugs u bozoz. Jghidu li l-uniku lment li kellhom il-konvenuti kien dwar pipe li kien qieghed ftit il-barra li huma rrangaw. Itennu li l-konvenuti baqghu ma baghtux ghalihom biex jissoktaw ix-xoghol u mbaghad skoprew li x-xoghol kien tlesta minn haddiehor.

2. Il-konvenut Joseph Attard (fol 36) jghid li kellu tilwima mal-attur Joseph Bezzina fuq il-kwalita` tax-xoghol. Ciononostante, xorta wahda dan hallas b'cheque s-somma ta' mija u sitta u hamsin lira Maltija (Lm156). Huwa jiddeskrivi l-kwalita` hazina tax-xoghol li sar mill-atturi. Imbaghad inkariga electrician iehor. Wara li l-atturi fethulu l-proceduri huwa inkariga espert biex jezamina x-xoghol u jirredigilu rapport. Dan ir-rapport qatt ma ghadda kopja tieghu lill-atturi.

3. L-Inginjier Mario Gafa (fol 51 u 59) jafferma illi hu ikkonduca l-ispezzjona tieghu meta l-installazzjoni kienet lesta u d-deduzzjonijiet tieghu kienu bazati fuq l-informazzjoni li ghaddielu l-konvenut. Min hadem wara l-atturi kompla fuq dak li sab. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll ir-rapport tieghu esebit a fol 40 tal-process.

4. Jirrizulta li f'dan il-kaz kien gie nominat mill-Qorti espert tekniku pero` din in-nomina giet aktar tard revokata (fol 27) peress li dan ma kkonkludiex il-kompitu lilu affidat.

Jinghad mill-ewwel illi wara li din il-Qorti ezaminat l-atti kollha u evalwat id-deposizzjonijiet ma tistax taccetta l-aggravji ta' fatt u ta' dritt sollevati mill-appellanti.

Issa hu minnu li appaltatur kommissjonat minn bicca xoghol ghandu bi dmir l-oneru li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess u li dan ix-xoghol jezegwih tajjeb f'kull rispett b'mod illi jkun utili u hieles minn difetti.

Dan ghaliex ukoll, kif tajjeb issottomettew l-appellanti, il-massima generali hi li jekk jinstab li l-appaltatur ghamel operazzjonijiet kontra s-sengha huwa jkollu jirrispondi ghad-difetti illi jigru l-quddiem. Mhux hekk biss, pero`, kif hekk ukoll korrettement irragunaw, jekk ix-xoghol li

jifforma l-oggett tal-appalt ma jkunx kollu lest jew ma jkunx kollu ezegwit skond is-sengha, l-appaltatur mhux intitolat jippretendi hlas in konsiderazzjoni ta’ dak ix-xoghol. Ara decizjonijiet a **Vol XLIV pII p574**; **Vol XLVII pI p60** u dawk l-ohra citati mill-appellanti. F’kazijiet bhal dawn, dipendenti fuq jekk id-difett kienx parzjali jew sostanzjali, ossija essenzjali, gie ritenut li l-azzjoni ghal hlas tista’ titqies intempestiva.

Fil-kaz prezenti fil-fehma tal-Qorti jirrizulta li kienu l-konvenuti li tterminaw l-appalt. Dan setghu dejjem jaghmluh in bazi ghall-Artikolu 1640 (1) tal-Kodici Civili, anke merament bhala espressjoni ta’ volonta`. Jekk, imbaghad, kif qed jigi ritenut din it-terminazzjoni saret ghal motiv dedott minnhom li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti allura l-konvenuti htiegilhom jipprovaw li verament dan kien hekk il-kaz u mhux li din l-allegazzjoni sservi bhala pretest biex ma jhallsux.

Jirrizulta li l-konvenuti appellanti qabdu u nkarigaw lil terzi biex ikomplu bix-xoghlijiet, presumibilment fuq dak li kienu gja ezegwew l-atturi. Dan ghamluh minghajr ma qabel preventivament baghtu diffida lill-atturi dwar id-difetti riskontrati u talbuhom jaghmlu x-xoghlijiet rimedjali opportuni ghal dawk li huma dehrilhom li kienu d-difetti. Invece flok iddenunzjaw dawn id-difetti huma qabbdu u nkarigaw lil haddiehor. Xelta din li, kif manifest, il-ligi stess tikkonkordalhom.

B’danakollu ghazla bhal din iggib maghha certu konsegwenzi. Ghax kif isostni r-**Rubino** fil-monografija tieghu, “L’Appalto” (UTET, Torino, 1958), “stante la sua stessa accettazione o utilizzazione della parte eseguita, neanche ora il committente puo’ pretendere che l’inadempimento parziale sia trattato come inadempimento totale, e quindi non puo` esimersi dal corrispondere un adeguato compenso per quella parte”. Dan jistabilih del resto, s-subinciz (2) ghall-imsemmi Artikolu 1640 tal-Kap 16.

Il-Qorti ma tqisx raguni konkludenti tal-ezistenza tad-difett l-accertament tekniku unilaterali tal-espert inkarigat mill-

konvenuti. Dan ghal zewg motivi. Fl-ewwel lok dan tqabbad meta x-xoghlijiet kienu mitmuma jew kwazi terminati, u sahansitra wara li nbdiet il-kawza u allura maggorment huwa ibbaza l-kostatazzjonijiet tieghu l-aktar fuq informazzjoni moghtija lilu u mhux minn verifiki proprji. Fit-tieni lok dawn l-istess kostatazzjonijiet ma ngiebux ghall-attenzjoni tal-atturi, kif hekk kien mistenni li ghandu jsir. F'kull kaz, imbaghad, dawn il-verifiki kellhom isiru qabel ma l-ikkompletar tax-xoghol inghata lil terzi. Dan bl-iskop li jigi determinat jekk id-difetti allegatament riskontrati kienux parzjali jew essenzjali u biex l-atturi jinghataw l-opportunita` jirrimedjaw jekk hekk kien il-kaz u d-difetti kienu sanabbli.

Jista' jinghad b'logicita`, anke guridika, illi jekk il-konvenuti kellhom id-dritt jirrizolvu l-appalt, l-fatt li huma ghaddew biex jinkarigaw lil haddiehor meta x-xoghol tal-atturi ma kienx kollawdat kif hekk kien ragjonevolment mistenni li ghandu jkun, huma gew li tacitament accettaw ix-xoghol li twettaq mill-atturi. Fatt dan li bhala konsegwenza jillibera lill-atturi ghal vizzji jew difetti palesi. Allura wkoll ma jistghux jikkampaw it-teorija tal-intempestivita` meta x-xoghol fil-fatt tkompla. U, kif fuq espost, tkompla ukoll fuq ix-xoghol li qed jigi allegat li kien difettuz.

Fic-cirkostanzi kongruwi jista' jinghad li l-inadempiment gie minn naha tal-konvenuti u allura, konsegwentement, huma ma jistghux jistriehu fuq il-motiv sancit fis-subicinz (3) ta' l-Artikolu 1640. In finis, tajjeb li jigi osservat ukoll illi minn imkien fl-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti ma adducew bhala raguni l-abbandun tal-appalt da parte tal-atturi.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------